MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2002

Numru.

**Il-Pulizija**
(Spettur Nadia Lanzon)
**vs**
**Jason Mallia**
**Owen Zammit**

**Fil-Konfront ta' Owen Zammit.**

Il-Qorti, Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Owen Zammit ta' 24 sena bin Sydney Alfred u Maria Carmena nee' Calamatta, imwieled Pieta' nhar il-11 ta'Lulju 1977 u residenti 1 Mark Flats 17, Triq Nikola Cottoner, Gzira bin-numru ta' l'Identita 398877 (M).

Talli:
Fit-2 ta' Frar 2002 ghal-habta ta' 3.30pm gewwa Hal Far Road Birzebbugia xjentament ghamel dikjarazjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz lil awtorita pubblika sabiex

jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor u dana bi ksur ta’ l-Artiklu 188 tal-Kapitlu 9.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikolu 188 tal-Kap 9 kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artiklu stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzat.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lil-akkuzat hati, tilliberah taht il-provedimenti ta’ l-art. 9 tal-Kapitolu 152 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn illum u qed twissi lill-hati skond il-ligi.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------